**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 35/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Ameur El Hichami**

**Illum, 24 ta Gunju 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **AMEUR EL HICHAMI** ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, iben Mohamed u Fatna, imwieled il-Marokk, fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija disgħa u sebgħin (1979), mingħajr residenza ġewwa Malta u detentur tal-Passaport Marokkin bin-numru **JC7020238,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Ewwel (1) Kap**

***Assocjazzjoni ghall-importazzjoni u/jew bejgh, u/jew it-traffikar tad-droga Cannabis Grass***

**Il-fatti:**

Illi, nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gżejjer, **Ameur El Hichami**, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat, iddeċieda li jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta u/jew ibiegħ u/jew jittraffika d-droga u ċioe l-ħaxixa tal-cannabis f' Malta.

Illi kien propju nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), li l-Uffiċjali tad-Dwana nfurmaw lill-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu waqqfu, fittxew u

żammu persuna ta' nazzjonalita' Marokkina, u ċioe l-akkużat **Ameur El Hichami**, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, wara li kien niżel minn titjira tar-Ryan Air FR 1409 minn Seville Spanja, u dana  stante illi fil-bagalja tiegħu kienu nstabu tlett (3) pakketti suspettati li jikkontenentju d-droga cannabis.

Illi sussegwentament ġiet infurmata l-Maġistrat tal-għassa li fetħet inkjesta maġisterjali u ġew appuntati diversi esperti sabiex jassistuha, jippreservaw l-evidenza u jwettqu l-eżamijiet u l-analiżi neċessarji.

Illi minn analiżi ulterjuri, senjatament minn eżami kimiku fuq is-sustanza misjuba ġol-imsemmija bagalja tal-akkużat **Ameur El Hichami**, l-espert forensiku, u ċioe lix-xjenzat maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, ikkonferma li din l-istess sustanza kienet tikkonsisti bħala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis, fl-ammont nett totali ta' kilo ħames mija u ħamsa u sebgħin gramma (1575g), b' persentaġġ medju ta' Cannabinoid (THC) fil-materjal ta' tmienja fil-mija (8%) u b'valur fis-suq estimat ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€23,625).

Illi sussegwentament ttieħdet stqarrija lill-akkużat **Ameur El Hichami** li stqarr  li fir-rigward tad-droga li nstabet fil-bagalja tiegħu, kien iltaqa' ma ċertu Karim ġewwa Spanja u wara diskussjonijiet bejniethom intlaħaq ftehim sabiex l-akkużat jimporta d-droga cannabis ġewwa Malta, kif filfatt seħħ. Illi l-ftehim milħuq kien li l-akkużat kellu jiġi hawn Malta b'titjira minn Spanja bid-droga moħbija ġewwa bagalja b'dana li mal-wasla tiegħu f'Malta kellu jirċievi aktar struzzjonijiet mingħand Karim permezz ta' telefonata. Illi ta' din il-biċċa xogħol l-akkużat kien se jitħallas tmien mitt ewro (€800).

Illi mill-provi miġbura huwa evidenti li l-akkużat assoċja ruħu ma persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer u/jew f'dawn il-Gżejjer, fejn ġie miftiehem u maqbul bejniethom il-*modus operandi* tal-importazzjoni tad-droga ġewwa dawn il-Gżejjer. Illi tali assoċjazzjoni ġiet ikkunsmata mal-mument li ġew ikkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom l-akkużat u t-terza persuna kellhom jimxu biex id-droga tiġi importata u/jew ittraffikata ġewwa Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi b'għemilu l-akkużat **Ameur El Hichami** sar ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta jew ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta u ċioe l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Ameur El Hichami** ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta jew ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta, u ċioe l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ameur El Hichami,** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin centeżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 10(1), 12, 14, 15A,22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Importazzjoni u traffikar tad-droga Cannabis***

**Il-fatti:**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, l-akkużat **Ameur El Hichami**, iddeċieda li jimporta f'Malta

d-droga ħaxixa tal-Cannabis, sabiex din tigi mibjugħa u/jew xort'oħra ttrafikata fil-Gżejjer Maltin.

Illi mill-provi jirriżulta li nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-akkużat volontarjament u xjentement għamel traġitt li beda minn Spanja għal Malta u ftit wara l-Uffiċjali tad-Dwana nfurmaw lill-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu waqqfu, fittxew u żammu persuna ta' nazzjonalita' Marokkina, u ċioe l-akkużat **Ameur El Hichami**, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, wara li kien niżel minn titjira minn Seville Spanja, u dana stante illi fil-bagalja tiegħu kienu nstabu tlett (3) pakketti suspettati kontenenti droga ħaxixa tal-cannabis.

Illi sussegwentament ġiet infurmata l-Maġistrat tal-għassa li fetħet inkjesta maġisterjali u ġew appuntati diversi esperti sabiex jassistuha, jippreservaw l-evidenza u jwettqu eżamijiet neċessarji.

Illi minn analiżi ulterjuri, senjatament minn eżami kimiku fuq is-sustanza misjuba ġol-imsemmija bagalja tal-akkużat **Ameur El Hichami**, l-espert forensiku, u ċioe lix-xjenzat maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, ikkonferma li din l-istess sustanza kienet tikkonsisti bħala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis, fl-ammont nett totali ta' kilo ħames mija u ħamsa u sebgħin gramma (1575g), b' persentaġġ medju ta' Cannabinoid (THC) fil-materjal ta' tmienja fil-mija (8%) u b'valur fis-suq estimat ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€23,625).

Illi sussegwentament ttieħdet stqarrija lill-akkużat **Ameur El Hichami** fejn saħansitra kkonferma l-involviment tiegħu fl-importazzjoni ta' din l-istess droga.

Illi kieku l-imsemmija droga importata ġewwa Malta ma ġietx interċettata f'waqtha, din id-droga kienet sejra tispiċċa f'idejn terzi persuni bil-għan li tiġi ttraffikata ġewwa Malta.

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat li jimporta d-droga Cannabis.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu **Ameur El Hichami** sar ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża, u ċioe l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' tali mediċina.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Ameur El Hichami** ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża, u ċioe l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' tali mediċina.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ameur El Hichami,** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin centeżmu (€116,468.67),

u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**
***Pussess aggravat tad-droga Cannabis.***

**Il-fatti:**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe' fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, l-akkużat **Ameur El Hichami** wasal Malta minn Seville, Spanja b' titjira tar-Ryanair FR1409.

Illi ftit wara l-wasla tiegħu ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, l-akkużat **Ameur El Hichami** twaqqaf mill-Uffiċjali tad-Dwana u ġiet skenjata l-bagalja tiegħu fejn irriżulta li fl-istess bagalja kien hemm tlett (3) pakketti suspettati kontenenti droga cannabis grass. Sussegwentament, ġew infurmati l-Uffiċjali tal-Pulizija.

Illi sussegwentament ġiet infurmata l-Maġistrat tal-għassa li fetħet inkjesta maġisterjali u ġew appuntati diversi esperti sabiex jassistuha, jippreservaw l-evidenza u jwettqu eżamijiet neċessarji.

Illi minn analiżi ulterjuri, senjatament minn eżami kimiku fuq is-sustanza misjuba ġol-imsemmija bagalja tal-akkużat **Ameur El Hichami**, l-espert forensiku, u ċioe lix-xjenzat maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, ikkonferma li din l-istess sustanza kienet tikkonsisti bħala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis, fl-ammont nett totali ta' kilo ħames mija u ħamsa u sebgħin gramma (1575g), b' persentaġġ medju ta' Cannabinoid (THC) fil-materjal ta' tmienja fil-mija (8%) u b'valur fis-suq estimat ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€23,625).

Illi din is-sustanza perikoluża ma' kenitx intiża għall-użu personali tal-akkużat, iżda kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata hawn Malta. Minbarra li l-ammont ta' droga nvoluta, kif u fejn instabet u ċ-ċirkostanzi li fihom nstabet ċertament li ma jindikawx li d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu, l-akkużat stess jistqarr li din id-droga kienet intiża biex tiġi traffikata hawn Malta.

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-akkużat **Ameur El Hichami** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Ligi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Ameur El Hichami** sar ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-Gżejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Ameur El Hichami** ħati talli fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-Gżejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li

jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ameur El Hichami,** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha inkluz dawk tal-kumpilazzjoni;

**Ikkunsidrat**,

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2024, l-akkuzat **Ameur El Hichami** fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u l-interpretu nominat mill-Qorti Nazmi Houtu. Din il-Qorti akkordat zmien xieraq lill-akkuzat **Ameur El Hichami** sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu izda ciononnostante insista li jirregistra l-ammisjoni tieghu anke wara li din il-Qorti nfurmatu li hija ma hiex marbuta bil-kontenut tar-rikors kongunt u li in effetti jista' jinghata piena ta' prigunerija'  ta' ghomor il-habs.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat **Ameur El Hichami**, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju, 2024 fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fejn talbu lil din il-Qorti sabiex issib lill-akkuzat hati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u timponi piena ta' prigunerija effettiva ta' hames snin prigunerija effettiva flimkien ma multa ta' Tlieta u ghoxrin elf euro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u'jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem din il-Qorti nhar l-24 ta' Gunju. tiddikjara lil hati taht il-Kapijiet tal-Att t' Akkuza kollha migjuba kontra tieghu u cioe tar-reati ta':

1. Assoccjazzjoni ghall-importazzjoni u/jew biegh, u/jew traffikar tad-droga Cannabis Grass.
2. Importazzjoni u traffikar tad-droga Cannabis
3. Pussess aggravat tad-droga Cannabis

Rat il-fedina penali tal-akkuzat esebita fl-atti mmarkata bhala Dok MM a fol 8 tal-process.

Hadet in konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar il-piena f'cirkostanzi fejn tkun registrata ammissjoni, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 1997, **Il-Pulizija kontra Emanuel Testa** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2002**, Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn kienu diskussi regoli generali li ghandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'kaz ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena citata ta' Emanuel Testa saret referenza ghal dak citat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta il-Qori kkwotat b'mod estensiv Il-Blackstone's

Criminal Practice (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) ghaliex ddikjarat li taqbel mal-principji hemm enuncjati u taghmel dawk il-principji bhala taghha:

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of onethird would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount my be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarly, some or all of the discounts may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be*

*passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Fil-kaz odjern, l-akkuzat rregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti qabel ma gie appuntat il-guri izda wara li kienet ifformulata l-att ta' akkuza.

Wara li ezaminat dak enuncjat mis-sentenzi appena citati, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha taderixxi mat-talba maghmula mill-Avukat Generali u l-akkuzat **Ameur El Hichami**, fir-rikors kongunt taghhom tas-27 ta' Mejju 2024.

Rat l-17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 2, 8 (d) ( e) , 10 (1) 12, 14, 15A, 20, 22 (1), ( a) (f) (1A) (1B) (2 ) (a) (i) (3A) (a) (b) (c) (d) (7) (9) 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regola 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi , u tiddikjara li qed issib lill-akkuzat **Ameur El Hichami** hati tat-tlett (3) Kapi tal-Att t'Akkuza fuq ammisjoni tieghu stess u tikkundannah **hames snin prigunerija effettiva flimkien ma' multa ta' Tlieta u ghoxrin elf euro ( €23,000) .**

Tikkundanna wkoll lill-istess **Ameur El Hichami** ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

Dawn l-ispejjez jikkonsistu fis-segwenti:

1. Is-somma ta' €708 li gew imhallsa lil Gilbert Mercieca skond Dok GM 1 a fol. 151 et seq tal-process;
2. Is-somma ta' €1006.04 li gew imhallsa lil Keith Cutajar skond Dok KC a fol 189 et seq tal-process;
3. Is-somma ta' €129.90 lill-Ufficcjal Civili Alexia Pace skond Dok AP a fol 211 et seq tal-process;

4. Is-somma ta'€1734.60 li gew imhallsa lil Dr Marisa Cassar skond Dok MC a fol. 232 et seq tal-process.
5. Is-somma ta' €208.61 li gew imhallsa lil PS 844 Carl Micallef skond Dok CM 9 a fol. 25 t.al-atti;
6. Is-somma ta' €508.90 li gew imhallsa lil Joseph Mallia skond Dok JM a fol. 255 et seq tal-atti;
7. Is-somma ta' €425.62 li gew imhallsa lil Keith Cutajar skond Dok KC1 a fol. 287 et seq tal-process;

B'kollox din il-Qorti qed tikundanna lil akkuzat ihallas is-somma ta' **€4721,67** inkorsi f'dan il-process ai termini tal-Artikoli 533 tal-Kap. 9, liema ammont ikun konvertit minnufih fi prigunerija skond il-ligi f'kaz illi l-hati jonqos milli jhallas l-istess fi zmien sittin (60) jum mill-lum.

Il-Qorti mhux se tordna l-hlas tal-ispejjez imhallsa lil Nancy Zammit a fol 165 et seq tal-process, kif ukoll kwalunkwe hlas li sar matul is-snin lill-interpreti u *transcribers* inkarigati u dan peress li mill-atti ma jirrizultax kemm dawn thallsu.

Tordna li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija impost b'din is-sentenza.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li

għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w iġġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Tordna notifika ta din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabeix tiehu hsieb jigbor l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti kif ukoll il-multa inflitta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**